KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 46/7/194/18

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 46

*L-Erbgħa 13 ta' Ġunju, 2018*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar L-Erbgħa 13 ta' Ġunju. Il-laqgħa bdiet fil-5.45pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku*<br>Roderick Spiteri-*Kunsillier*<br>Bernard Sean Lynch-*Kunsillier*<br>Tyrone Muscat-*Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija**<br>(Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Steven Axisa- *Vici Sindku*<br>Nicholas Seychell-*Kunsillier*<br>Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

KUNSILL LOKALI PAOLA

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **<u>Qari tal-ittri ta' apoloġija</u>**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Viċi Sindku Axisa, u l-Kunsilliera Seychell u Bartolo talbu biex ikunu skużati minħabba impenji ta' xogħol. Il-membri aċċettaw dawn l-apoloġiji u qablu li l-membri ikunu skużati.

2. **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

2.1. Il-Minuti nr.45, ġew approvati *nem com.*

2.2. Dwar it-Tismija tat-toroq is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kompla ix-xogħol ta' amministrazzjoni fuqhom u għanda tasal risposta uffiċjali qabel il-festa ta' Kristu Re.

3. **<u>Korrispondenza</u>**

3.1. Ittra mingħand is-Sur Andre Grima dwar il-każ ta' Triq San Ġużepp fejn qed jissuġġerixxi li din issa issir *one way* minn Ġnien Dom Mintoff. Il-membri qablu li din titwassal lil Transport Malta.

3.2. Korrispondenza mingħand Transport Malta sabiex l-ahhar parti ta' Triq il-Belt Valletta issir one way. Il-membri qablu li ninvestigaw il-każ.

3.3. Talba mingħand il-parroċċa Kristu Re sabiex isir ħruq tan-nar fi Ġnien il-Mediterran. Il-membri qablu li l-Kunsill ma isibx oġġezzjoni diment li jitħarsu drittijiet tat-terzi u kollox ikun kopert bil-permessi neċessarji.

3.4. Ittra mingħand Televixin Malta sabiex issir xandira speċjali tas-semi finali tat-tazza tad-Dinja għall-prezz ta' €600 fejn anke issir attività qabel il-bidu tal-logħba. Il-membri qablu diment li tingħata l-attenzjoni kollha meħtieġa lil Kunsill Lokali Paola kif ukoll illi l-għaqdiet/barijiet tal-każini jingħataw l-opportunita li jarmaw bix-xorb fl-attività.

## 4. *Risposta tal-Ittra ta' Direzzjoni*

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv iddiskuta mal-membri ir-risposta preparata mill-Kunsill u l-accountant tal-kunsill għall-ittra ta' direzzjoni tal-awdituri. Il-membri approvaw il-kontenut tar-risposta sabiex issa jingħalaq il-proċess tal-awditjar għas-sena 2017.

## 5. Staff

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi it-tieni impjegata approvata għall-vakanza tal-Kunsill ta' clerk fi skala 15, irrifjutat l-impjieg sakemm din ġiet approvata mill-Kunsill u għaldaqstant kellu jitkompla il-proċess għall-intervisti fejn reġgħu infetħu l-applikazzjonijiet. Infatti is-Segretarju kompla li l-proċess tal-ingaġġ kompla għaddej u saru l-intervisti wara li l-Kunsill kien irċieva erba' applikazzjonijiet. Minn dawn l-applikazzjonijiet sargħet intervista waħda wara li l-applikanti irrifjutaw li jattendu l-intervisti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Bord tal-intervisti kien qed jipproponi li l-impjieg jingħata lis-Daniella Busuttil Galea. Il-membri approvaw.

## 6. Festa Kristu Re

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi fid-dawl tal-proġett tal-pjazza irid jinstab post ġdid għall-armar tal-gabbani/kiosks fil-festa. Wara li iddiskutew dan is-suġġett fid-dettall fejn raw il-possibiltajiet li hemm għal dan ġie propost li l-armar ta' dawn il-gabbani isiru skond il-pjanta annessa diment li ikun hemm qbil mal-entitajiet konċernati li jorganizzaw il-festa. Il-membri fakkru li m'għandux isir tisjir biż-żejt fil-pjazza anke fil-każ tal-permessi tal-imwejjed u siġġijiet li jarmaw fil-Pjazza.

6.2. Is-Sindku xtaq jisħaq fl-importanza illi l-għaqdiet jkunu responsabbli għall-għotjiet tat-toqob tal-arbli.

## 7. Komunikazzjoni mis-Sindku

7.1. Is-Sindku qal li tkompla ix-xogħol fi Ġnien Lorry Sant fejn sar xogħol fuq id-dawl wara li instabu bosta ħsarat fis-sistema tad-dawl. Kompla li ser jinxtraw bankijiet ġodda biex jinbidlu dawk imkissra.

7.2. Dwar Ġnien Dom Mintoff, is-Sindku kompla li dan jidher li ser jiġi inawgurat f'Awissu u ġie infurmat li t-torri li kien ser isir tneħħa u minflok ser issir kaskata tal-ilma. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Spiteri dwar il-manteniment tal-funtani, is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn ġew inklużi fil-kuntratt tas-*soft areas.*

## 8. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

8.1. Il-Kunsillier Muscat staqsa fiex waslet l-irħama ta' Ġnien P. Boffa. Is-Sindku qal li sa laqgħa oħra din tkun lesta.

## 9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

9.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 46 għas-somma ta' €42,136.57

## 10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6.55pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 18 ta' Lulju 2018.

10.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 18 ta' Lulju 2018.

**IFFIRMATA**

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

**IFFIRMATA**

Dominic Grima
Sindku